**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Dicembru 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Mallia)**

**vs**

**Matthew Mario Grech**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Dicembru 2020 - migjuba kontra:

Matthew Mario Grech iben Mario John Grech u Josephine Georgina nee' Azzopardi, imwieled Pieta, residenti gewwa 34, Ivory Triq il-Bhajra, Qormi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0221093(M).

Akkuzat talli :

1. nhar it-18 ta' Settembru 2020 ghall-habta tal-23:00hrs u/jew fil-hinijiet ta' qabel, gewwa Hal-Qormi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jiqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Darren Brincat

skond kif iccertifikat minn Dr. Robert Patiniott Med. Reg. No. 1860 mill-Furjana Health Centre;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza, cioe Darren Brincat jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna leza minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skond kif jipprovdi l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-28 t'Ottubru 2021 fejn deherlu li tista' tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

1. Fl-Artikoli 214, 216(1)(b), 217, 218(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. Fl-Artikoli 17, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigu trattati bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

(i) Fit-18 ta’ Settembru tas-sena 2020 ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta’ bil-lejl (21:45hrs), il-Pulizija tal-Ghassa ta’ Hal-Qormi gew infurmati li kien hemm argument bejn zewg persuni gewwa ‘La Storia Bar’ li jinsab hdejn il-knisja ta’ San Bastjan Hal Qormi.

(ii) Meta l-Pulizija waslu fuq il-post gew infurmati li waqt dan l-argument kemm Darren Brincat kif ukoll Matthew Mario Grech, l-imputat odjern, sofrew xi griehi ta’ natura gravi.

(iii) L-imputat kellu incizjoni fil-warda ta’ wiccu in-naha tax-xellug, li kien fiha zewg centimetri (2cm) bi tlett centimetri (3cm), li qal li kienu saru b’daqqa ta’ tazza minn Darren Brincat go dan il-bar. Din il-ferita giet klassifikata mit-tabib li ezaminah bhala wahda ta’ natura gravi.

(iv) Darren Brincat gie certifikat li kellu ferita twila cirka centimetru u nofs (1.5cm) fuq in-naha tax-xellug ta’ rasu, u kellu blunt trauma fuq imniehru, li gew certifikati mit-tabib li ezaminah bhala li kienu ta’ natura gravi. Brincat allega li dawn il-feriti gew kagunati mill-imputat.

(v) Ghaldaqstant il-Pulizija istitwew proceduri kriminali kemm kontra l-imputat odjern kif ukoll kontra Darren Brincat.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

7. Fix-xhieda tieghu Darren Brincat qal li hu u l-imputat kienu jafu lil xulxin, ghalkemm ma kienux xi hbieb partikolari. Huwa spjega li dak in-nhar tal-incident hu kien qed jixrob tazza inbid fil-kwiet fil-bar, u l-imputat kien ukoll qed jixrob fil-bar. Skond Brincat, l-imputat resaq lejh biex ixejjirlu daqqa ta’ ponn, minghajr l-ebda raguni u minghajr l-ebda provokazzjoni ta’ xejn. Brincat jghid li hu ipprova jimbuttah u fil-process inkisret it-tazza tal-inbid li kienet f’idejh, u laqat wicc l-imputat bit-tazza. Huwa kompla jghid li l-aggressjoni kompliet ghaddejja u l-imputat tah zewg daqqiet ta’ flixkun fuq rasu. Brincat jghid li wara dan l-incident huwa mar id-dar u dahal jorqod, sakemm gie arrestat mill-Pulizija.

8. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni tghid li ma issibx din il-verzjoni tal-fatti ta' Brincat kredibbli.

9. Fl-ewwel lok, ma hux verosimili li persuna tattakka fizikament persuna ohra go bar minghajr l-ebda forma ta' provokazzjoni. La mix-xhieda ta' Brincat stess, u lanqas Christopher u Christine konjugi Azzopardi, s-sidien tal-bar, ma jirrizulta li l-imputat kien fis-sakra, li setghet forsi tispjega aggressjoni minghajr ebda forma ta' provokazzjoni.

10. Fit-tieni lok, huwa jghid li lanqas biss induna li ikkaguna ferita serja fuq wicc l-imputat. Anki kieku l-konjugi Azzopardi ma xehdux li wicc l-imputat kien kollu demm, huwa inkoncepibbli li ferita gol-wicc ta' zewg centimetri bi tlett centimetri ma tkunx mhux biss vizibbli imma johrog ukoll hafna demm minnha.

11. Fit-tielet lok, Brincat xehed li wara din il-glieda huwa mar id-dar. Wiehed kien jippretendi li jekk verament Brincat gie aggredit ingustament u sahhansitra ferut b'qasma f'rasu, hu kien ser imur minnufih jirraporta l-Ghassa tal-Pulizija u/jew imur fi klinika sabiex jigi imdewwi, u mhux imur lura d-dar qisu qatt ma gara xejn.

12. Ix-xhieda ta' Brincat hija kontradetta mix-xhieda tal-konjugi Azzopardi, is-sidien tal-bar. Il-Qorti tirrileva li Brincat qal li Christopher Azzopardi ilu habib tieghu aktar minn ghoxrin (20) sena. Pero Christopher Azzopardi innega din l-allegazzjoni, u qal li hu kemm il-darba irrapporta lill-Pulizija li ma jridx lil Brincat go hwejjgu, ghax meta kien imur fil-hanut kien jitolbu l-flus.

13. Christopher Azzopardi xehed li ftit minuti qabel l-incident hu kien sema' lill-imputat jghid lil Brincat il-kliem *"lili hallini jien m'ghamiltlek xejn"* Azzopardi wissa lil Brincat biex ma jaqlax inkwiet ghax ikeccieh minn hemm, u kif dawwar dahru lejh u nizel zewg targiet tal-hanut, sema' hoss ta' xi haga tinkiser, u ra lil Brincat hdejn l-imputat qieghdin jiggieldu.

14. Christine Azzopardi, li kienet qed taqdi n-nies mal-bar, ukoll xehdet li l-imputat u Brincat kienu fuq imwejjed separati cirka erba' metri il-boghod minn xulxin. Hi tghid li f'daqqa wahda semghet kommossjoni, u rat li Brincat mar hdejn il-mejda tal-imputat, u t-tazza tal-inbid li Brincat kellu fuq il-mejda tieghu ma kinietx ghada hemm.

15. Christopher Azzopardi xehed li z-zewg irgiel bdew jiggieldu bl-idejn u jitfghu l-flixkien lil xulxin.

16. Il-Qorti tirrileva li fil-proceduri kriminali kontrieh, Brincat ammetta li hu ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq l-imputat f'dan l-incident, u gie ikkundannat piena karcerarja.[1]

17. Fil-kaz odjern, id-difiza qed teccepixxi l-legittima difeza. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali[2] fis-26 ta' Awissu 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro** gie ritenut hekk:

*"Mhux kull minnn "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu* (l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali). *Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."* (sottolinear ta' dik il-Qorti)

18. Ghalhekk id-difiza trid tkun saret sabiex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lill-imputat jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem ta' l-imputat jew ta' haddiehor. L-imputat irid jipprova li dak li ghamel ghamlu, stante l-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita il-perikolu li ma setax jigi evitat b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, cioe li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u s-sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'seta' ghamel jew xi jmissu ghamel l-imputat qabel ma ha l-azzjoni in difiza bl-uzu tal-forza. Kif jghid il-**Professur Sir Anthony Mamo** *"the danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

[1] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-21 ta' Dicembru 2020 a fol. 156 tal-process.
[2] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano, Vol. LXXXII-Part 4- pag. 294

19. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif fuq esposti, il-Qorti hija tal-opinjoni li mill-provi prodotti jirrizulta sal-grad tal-probabbli li Brincat aggredixxa lill-imputat ghal xejn b'xejn. L-aggressjoni kienet wahda serja ghaliex Brincat faqa' tazza tal-inbid f'wicc l-imputat u ikkungalu incizjoni ta' zewg centimetri bi tlett centimetri. In oltre mix-xhieda tal-konjugi Azzopardi jirrizulta ampjament li l-attakk sar f'daqqa, u ma kien hemm l-ebda incidenti li setghu wasslu ghalih. F'dawn ic-cirkostanzi, l-imputat ma kellu l-ebda alternattiva hlief li jiddefendi ruhu minn din l-aggressjoni vjolenti u ingusta.

20. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti din l-eccezzjoni tal-legittima difeza ser tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

21. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-eccezzjoni tad-difiza tal-legittima difeza;

2. Konsegwentement issib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-28 t'Ottubru 2021, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Dicembru 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Mallia)**

**vs**

**Matthew Mario Grech**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

Peress li fl-opinjoni taghha, jidhrilha li Darren Brincat ma qalx il-verita meta xehed quddiem din il-Qorti, tordna li kopja tas-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija illum stess minn din il-Qorti tingieb a konjizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, biex wara d-debita investigazzjoni okkorendo, jibda proceduri kontra din il-persuna talli iddepona l-falz f'din il-kawza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**